Avviż Numru CCT 127/17-F

**Mario Galea**

**vs**

**Telefonika**

Illum 26 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u ħamsa u erbgħin ewro (€245), rappreżentanti prezz ta'mobile phone u kif ukoll ħamsa u erbgħin ewro (€45) rappreżentanti l-prezz sabiex bagħtu barra għat-tiswija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mobile phone għall-prezz ta' mitejn u ħamsa u erbgħin ewro (€245), u wara ftit beda bil-problemi. Ħadu għand is-soċjeta' ntimata minn fejn xtara dan il-mobile phone, pero' l-intimat infurmah li dana kellu daqqa fuq il-mobile u li għalhekk ma kienx kopert bil-garanzija. Żammlu ħamsa u erbgħin ewro (€45) sabiex jibgħatu barra għat-tiswija għax ma setax jittranġa Malta. Illi meta ġie minn barra baqa' bl-istess problema u xorta kellha tinbidel it-touch screen.

Ir-rikorrenti ssottometta illi hu qatt m'għamel ħsara lil mobile phone u li din ivvintata mill-intimat li l-mobile phone kellu daqqa.

It-Tribunal, ra l-mobile phone u nduna li kien hemm qisa daqqa fuqu, u li jista' jagħti l-każ li din qed tikkawża l-ħsara fil-mobile phone.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-intimat għamel minn kollox sabiex jiprova jaqdi lill-klijent, jekk kien hemm din id-daqqa li kkawżat ċertu ħsarat fil-mobile, li għalhekk mhix koperta bil-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi sabiex jiġi eliminat kull dubju qed jordna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, b'dan illi l-mobile phone jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**